Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 19 ta' Ġunju 2026**
**(OR. en)**

**8500/26**

**CDR 80**

**ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar seba' membri u tmien membri supplenti, proposti mir-Renju tad-Danimarka, fil-Kumitat tar-Reġjuni |

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/…**

**ta' …**

**li taħtar seba' membri**
**u tmien membri supplenti,**
**proposti mir-Renju tad-Danimarka,**
**fil-Kumitat tar-Reġjuni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[1],

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Daniż,

[1] ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13 (ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2019/852/oj).

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.

(2) Fl-10 ta' Diċembru 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2025/71[2], li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2025 sal-25 ta' Jannar 2030.

(3) Konsegwentement għar-riżenji tas-Sur Bent GRAVERSEN, is-Sur Kasper Egede GLYNGØ, is-Sa Kirsten Maria Meyer JENSEN, is-Sur Karsten Søndergaard NIELSEN, u s-Sa Hanne ROED, u għat-tmiem tal-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu ġew proposti għall-ħatra s-Sur Erik FLYVHOLM u s-Sur Karsten Uno PETERSEN, saru vakanti s-siġġijiet ta' seba' membri fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(4) Konsegwentement għar-riżenji tas-Sa Anne MADSEN u s-Sur Thomas ROHDEN, u għat-tmiem tal-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu ġew proposti għall-ħatra s-Sur Jens Christian GJESING, is-Sur Henrik Gottlieb HANSEN, is-Sur Tage LEEGAARD, u s-Sur Mads SØRENSEN, saru vakanti s-siġġijiet ta' sitt membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(5) Konsegwentement għall-ħatra tas-Sa Line Krogh LAY u s-Sur Piet Papageorge TIMMERMANN bħala membri tal-Kumitat tar-Reġjuni, ser isiru vakanti s-siġġijiet ta' żewġ membri supplenti.

---

2 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/71 tal-10 ta' Diċembru 2024 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2025 sal-25 ta' Jannar 2030 (ĠU L, 2025/71, 16.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/71/oj).

(6) Il-Gvern Daniż ippropona lir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi reġjonali jew lokali li għandhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali bħala membri fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030: is-Sa Kirsten Morild Vincent ANDERSEN, *Regionsrådsmedlem, Regionsrådet, Region Nordjylland* (Kunsillier Reġjonali, Kunsill Reġjonali tat-Tramuntana tad-Danimarka), is-Sa Helle GADE, *Borgmester, Silkeborg Kommune* (Sindku, Muniċipalità ta' Silkeborg), is-Sa Sofie Wagner Lærkesen HOLM, *Regionsrådsmedlem, Region Østdanmark* (Kunsillier Reġjonali, Kunsill Reġjonali tal-Lvant tad-Danimarka), is-Sa Pernelle JENSEN, *Regionsrådsmedlem, Region Syddanmark* (Kunsillier Reġjonali, Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar tad-Danimarka), is-Sa Line Krogh LAY, *Kommunalbestyrelsesmedlem, Stevns Kommune* (Membru tal-Kunsill, Muniċipalità ta' Stevns), is-Sur Søren SMALBRO, *Borgmester, Hjørring Kommune* (Sindku, Muniċipalità ta' Hjørring), u s-Sur Papageorge TIMMERMANN, *Kommunalbestyrelsesmedlem, Glostrup Kommune* (Membru tal-Kunsill, Muniċipalità ta' Glostrup).

(7) Il-Gvern Daniż ippropona lir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi reġjonali jew lokali li għandhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali bħala membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030: is-Sur Torben Ringe CHRISTENSEN, *Regionsrådsmedlem, Regionsrådet, Region Nordjylland* (Kunsillier Reġjonali, Kunsill Reġjonali tat-Tramuntana tad-Danimarka), is-Sa Purnima ERICHSEN, *Regionsrådsmedlem, Region Midtjylland* (Kunsillier Reġjonali, Kunsill Reġjonali tad-Danimarka Ċentrali), is-Sur Syed Irfan Munawar GILANI, *Regionsrådsmedlem, Region Østdanmark* (Kunsillier Reġjonali, Kunsill Reġjonali tal-Lvant tad-Danimarka), is-Sur Bent HANSEN, *Kommunalbestyrelsesmedlem, Gribskov Kommune* (Membru tal-Kunsill, Muniċipalità ta' Gribskov), is-Sur Salah Nuuradiin HUSSEIN, *Kommunalbestyrelsesmedlem, Aalborg Kommune* (Membru tal-Kunsill, Muniċipalità ta' Aalborg), is-Sa Kirsten Maria Meyer JENSEN, *Kommunalbestyrelsesmedlem, Hillerød Kommune* (Membru tal-Kunsill, Muniċipalità ta' Hillerød), is-Sur Michael NEDERSØE, *Kommunalbestyrelsesmedlem, Horsens Kommune* (Membru tal-Kunsill, Muniċipalità ta' Horsens), is-Sa Pernille Skaaning SYLVEST, *Kommunalbestyrelsesmedlem, Køge Kommune* (Membru tal-Kunsill, Muniċipalità ta' Køge),

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Ir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi reġjonali jew lokali li għandhom mandat elettorali huma b'dan maħtura fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030:

(a) bħala membri:

– is-Sa Kirsten Morild Vincent ANDERSEN, *Regionsrådsmedlem, Regionsrådet, Region Nordjylland* (Kunsillier Reġjonali, Kunsill Reġjonali tat-Tramuntana tad-Danimarka),

– is-Sa Helle GADE, *Borgmester, Silkeborg Kommune* (Sindku, Muniċipalità ta' Silkeborg),

– is-Sa Sofie Wagner Lærkesen HOLM, *Regionsrådsmedlem, Region Østdanmark* (Kunsillier Reġjonali, Kunsill Reġjonali tal-Lvant tad-Danimarka),

– is-Sa Pernelle JENSEN, *Regionsrådsmedlem, Region Syddanmark* (Kunsillier Reġjonali, Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar tad-Danimarka),

– is-Sa Line Krogh LAY, *Kommunalbestyrelsesmedlem, Stevns Kommune* (Membru tal-Kunsill, Muniċipalità ta' Stevns),

– is-Sur Søren SMALBRO, *Borgmester, Hjørring Kommune* (Sindku, Muniċipalità ta' Hjørring), u

– is-Sur Piet Papageorge TIMMERMANN *Kommunalbestyrelsesmedlem, Glostrup Kommune* (Membru tal-Kunsill, Muniċipalità ta' Glostrup),

u

(b) bħala membri supplenti:

– is-Sur Torben Ringe CHRISTENSEN, *Regionsrådsmedlem, Regionsrådet, Region Nordjylland* (Kunsillier Reġjonali, Kunsill Reġjonali tat-Tramuntana tad-Danimarka),

– is-Sa Purnima Erichsen, *Regionsrådsmedlem, Region Midtjylland* (Kunsillier Reġjonali, Kunsill Reġjonali tad-Danimarka Ċentrali),

– is-Sur Syed Irfan Munawar GILANI, *Regionsrådsmedlem, Region Østdanmark* (Kunsillier Reġjonali, Kunsill Reġjonali tal-Lvant tad-Danimarka),

– is-Sur Bent HANSEN, *Kommunalbestyrelsesmedlem, Gribskov Kommune* (Membru tal-Kunsill, Muniċipalità ta' Gribskov),

– is-Sur Salah Nuuradiin HUSSEIN, *Kommunalbestyrelsesmedlem, Aalborg Kommune* (Membru tal-Kunsill, Muniċipalità ta' Aalborg),

– is-Sa Kirsten Maria Meyer JENSEN, *Kommunalbestyrelsesmedlem, Hillerød Kommune* (Membru tal-Kunsill, Muniċipalità ta' Hillerød),

– is-Sur Michael NEDERSØE, *Kommunalbestyrelsesmedlem, Horsens Kommune* (Membru tal-Kunsill, Muniċipalità ta' Horsens), u

– is-Sa Pernille Skaaning SYLVEST, *Kommunalbestyrelsesmedlem, Køge Kommune* (Membru tal-Kunsill, Muniċipalità ta' Køge).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi …,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*